

- 3) Fil-każ li tingħata risposta affermativa għall-ewwel domanda jew fil-każ li, għat-tieni domanda, tingħata risposta fis-sens li l-Artikolu 7(14) tad-Direttiva jkopri wkoll il-projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq ta' prodotti tat-tabakk li fihom aromi fi kwalunkwe wieħed mill-komponenti tagħhom skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 7(7) tad-Direttiva:

Kif għandhom jinftiehem l-formulazzjonijiet “prodotti tat-tabakk b'aroma karatterizzanti” u “kategorija partikolari ta' prodott” li jinsabu fl-Artikolu 7(14) tad-Direttiva?

⁽¹⁾ ĠU L 127, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Commissione Tributaria Regionale del Lazio (l-Italja) fl-24 ta' Lulju 2017 – Agenzia delle Dogane e dei Monopoli vs Pilato SpA

(Kawża C-445/17)

(2017/C 347/12)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Commissione Tributaria Regionale del Lazio

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Agenzia delle Dogane e dei Monopoli

Konvenuta: Pilato SpA

Domanda preliminari

Il-karozzi tal-mejtin għandhom jiġu kklassifikati fl-intestatura NM 8704 tan-Nomenklatura Magħquda? Fil-każ ta' risposta negattiva għal din id-domanda, il-karozzi tal-mejtin għandhom jiġu kklassifikati fl-intestatura NM 8705 jew, pjuttost, fl-intestatura NM 8703?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal de commerce de Liège (il-Belġju) fis-27 ta' Lulju 2017 – Zako SPRL vs Sanidel SA

(Kawża C-452/17)

(2017/C 347/13)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal de commerce de Liège

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Zako SPRL

Konvenuta: **Sanidel SA**

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 86/653/KEE, tat-18 ta' Diċembru 1986, dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom ⁽¹⁾ għandu jiġi interpretat fis-sens li jeżiġi li aġent kummerċjali għandu jfittex u jżur il-klijenti jew il-fornituri barra mill-impriża tal-prinċipal?
- 2) L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 86/653/KEE ċċitata iktar 'il fuq għandu jiġi interpretat fis-sens li jeżiġi li l-aġent kummerċjali ma jkunx jista' jwettaq kompiti oħrajn minbarra dawk marbutin man-negozju tal-bejgħ jew tax-xiri tal-merkanzija għall-prinċipali u mal-innegozjar u mal-konklużjoni ta' dawn it-tranżazzjonijiet għan-nom u fisem il-prinċipal?